**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 10 ta' Novembru 2022

Rikors Numru: 137/2021/2 AL

**A B**

**vs**

**C B D E**

**(Att taż-Żwieġ bin-Numru Progressiv xxx/xxxx)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-konvenuta Sarah Psaila Sant Fournier ta' nhar is-26 ta' April 2022, li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

*Illi l-partijiet prezentament qeghdin fl-istadju bikri ta' proceduri ta' separazzjoni, fejn hemm talbiet u kontro-talbiet. Iz-zewg partijiet qeghdin jitolbu x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti;*

[1] Fol. 2.

*Illi l-konvenuta, C B D E, ghandha proprjeta' parafernali taghha, li jikkonsisti fi propjeta' immobbli. Bhala rizultat huwa fl-interess tal-konvenuta li tali komunjoni ta' l-akkwisti tigi terminata immedjatament sabiex tali propjeta ma tigix suggetta għall-Artikolu 1320(b) tal-Kodiċi Ċivili. Diga l-proprjeta' parafernali tal-konvenuta kellha taghmel tajjeb ghan-negozju fallut ta' l-attur u ghal misaventuri finanzjarji tieghu;*

*Illi aktar inkwetanti hija li l-konvenuta qieghda tissuspetta li l-attur qed jidħol f'xi dejn jew self minghand terzi persuni. Minkejja li m'hemmx komunikazzjoni bejn it-tnejn, l-attur il-hin kollu qed jghid lit-tfal tieghu li m'ghandux flus u ma jistax jghin fit-trobbija taghhom. Fil-fatt hemm rikorsi f'dan is-sens mill-attur. Dan jikkontrasta ma' l-istil ta' hajja li qed jghix l-attur u b'hekk hemm biza reali li l-attur jista jkun qed jghix beyond his means u jghabbi l-komunjoni ta' l-akkwisti b'aktar dejn;*

*Illi f'dan ix-xahar stess il-konvenuta giet soggetta ghal mandat ta' sekwestru (FG vs C B D E - Rikors 809/2022) għas-somma ta' €5925 fuq vettura Smart, li kienet dejjem fil-pussess ta' l-attur, fejn l-konvenuta kienet halset depositu, minn flus tal-propjeta' parafernali u liema vettura qatt ma uzata mill-konvenuta. Huwa stramb kif George Debattista ghamel sekwestru kontra l-konvenuta biss, meta l-vettura hija propjeta tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-probabbilita' kbira, ghaliex l-attur ilu jaghmel hekk, kellem lil kredituri biex jinformahom li m'ghandux flus u jekk iridu jithalsu ghandhom jigru wara l-mara tieghu ghaliex hi ghandha l-flus;*

*Illi l-konvenuta tqis li dan huwa abbuz min-naha ta' l-attur u tali abbuz ghandu jieqaf immedjatament. Il-konvenuta qieghda fi pregudizzju. Illum jezisti s-sitwazzjoni provduta fl-Artikolu 1329 tal-Kodiċi Ċivili.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex twaqqaf il-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet a tenur ta' l-Artikolu 55(1) tal-Kodiċi Ċivili.*

Rat id-digriet tal-Qorti datat it-28 ta' April 2022, fejn ġiet ordnata n-notifika tal-atti lill-kontroparti bil-fakolta' li jwieġeb permezz ta' risposta entro ħamest' (5) ijiem utli minn dakinhar tan-notifika;[2]

Rat ir-risposta tal-attur A B tat-18 ta' Mejju 2022, fejn ġie eċċepit:[3]

1. *Illi l-esponenti ġie notifikat bir-rikors de quo nhar is-17 ta' Mejju 2022.*

---

[2] Fol. 4.
[3] Fol. 10.

2. *Illi huwa minnu li fir-rikors promotur l-esponenti talab lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex 'Tillikwida u xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi'. It-talba kif ċitata kienet primarjament intiża sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun fil-liberta' li meta tkun qed xxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti tagħmel dan bl-opera ta' periti nominandi.*

3. *Illi r-raġuni li t-talba kienet abbozzat b'dan il-mod kenet proprju sabiex l-esponenti jkollu s-serħan tal-moħħ li meta din l-Onorabbli Qorti tkun qed tixtarr dwar x'xolijment tal-komunjoni ta' l-akkwisti tkun tista' tagħmel dan wara li ikollha rapport dettaljat tal-assi formanti parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti.*

4. *Illi d-dicitura tar-rikors de quo huwa biss intiż sabiex jipprova jpinġi li l-esponenti bhala persuna irresponsabbli mentri di fatti jirriżulta li dan mhux minnu.*

5. *Illi fir-rigward dak allegat fit-tielet u r-raba' paragrafu tar-rikors de uo huwa biss frott ta' l-immaginazzjoni fertili tar-rikorrenti. Huwa ferm faċli li wieħed jallega affarijiet mingħajr ma jġib l-iċken prova dwar dak allegat minnu.*

6. *Illi b'hekk l-esponenti ma jaqbilx li għanda tiġi milqugħa t-talba kif dedotta fir-rikors intavolat nhar 26 ta' April 2022 minn Sarah Psaila Sant Fournier għar-raġunijiet segwenti:*

    a. *L-esponenti għadu sal-ġurnata tal-lum jħallas il-home loan kollha relatat mal-fond 7, St Anthony, Vjal Sir Temi Zammit, Ta' Xbiex (u dan minkejja li l-propjeta' hija parafernali tal-intimata) ossija d-dar matrimonjali, u dan nonostante li huwa mhux joqgħod fil-fond in kwestjoni;*

    b. *Ir-rikorrenti konjuntivament flimkien mal-esponenti ghandhom self bankarju fuq fond/propjeta' li kien m'hemm fit-Triq Luigi Camilleri tas-Sliema. Din il-propjeta' illum ġiet żviluppata fil-blokka appartamenti u l-kera rikavat mill-istess blokka appartamenti ghandu ikun kkunsidrat qligħ tal-komunjoni. Ir-rikorrenti tikri l-appartamenti u r-rikavat qed ikun miżmum minnha biss.*

7. *Illi jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi sabiex tippronunzja x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti f'dan l-istadju mingħajr ma jsir rapport dwar x'inhuma d-dħul u l-assi jiffurmaw parti mil-komunjoni ta' l-akkwisti u liema huma d-djun li jaggravaw l-istess komunjoni ta' l-akkwisti tkun mhux biss qed tippreġudika lill-esponenti iżda ukoll tkun qed possibbilment tippreġudka terzi bħal ma huma l-Bank Lombard, il-Bnak BNK (fejn mix-xhieda mħollija fis-seduta quddiem l-*

*Assistant Ġudizzjarju datata 17 ta' Mejju 2022 ħareġ biċ-ċar li hemm terz li għandhom interess).*

8. *Illi mis-suespost jirriżulta ċar li għandha l-esponenti jista' jbati preġudizzju sproporzjonata bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-senteza finali tas-separazzjoni.*

*Għalhekk tenut kont tas-suespost l-esponenti bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex it-talba kontenuta fir-rikors ta' Sarah Psaila Sant Fournier intavolat nhar 26 ta' April 2022 tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[4]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-konvenuta Sarah Psaila Sant Fournier sabiex pendenti l-kawża bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom, u dan minħabba proprjeta' immobbli parafernali tagħha stess sabiex ma tiġix soġġetta għall-Artikolu 1320(b) tal-Kodiċi Ċivili, is-suspetti tagħha illi l-attur qed jidħol f'xi dejn jew self mingħand terzi, u l-fatt li kredituri tal-attur qed jipproċedu legalment kontra tagħha. Tisħaq ukoll illi bis-sitwazzjoni attwali tara li hemm abbuż da parti l-attur, u b'hekk hija tinsab f'posizzjoni ppreġudikata.

Min-naħa l-oħra, l-attur joġġezzjona għal din it-talba fejn in sinteżi jgħid illi r-raġuni ewlenija għall-oppożizzjoni tiegħu hija dik li *"a. L-esponenti għadu sal-ġurnata tal-lum jħallas il-home loan kollha relatat mal-fond 7, St Anthony, Vjal Sir Temi Zammit, Ta' Xbiex (u dan minkejja li l-propjeta' hija parafernali tal-intimata) ossija d-dar matrimonjali, u dan nonostante li huwa mhux joqgħod fil-fond in kwestjoni; b. Ir-rikorrenti konjuntivament flimkien mal-esponenti ghandhom self bankarju fuq fond/propjeta' li kien m'hemm fit-Triq Luigi Camilleri tas-Sliema. Din il-propjeta' illum ġiet żviluppata fil-blokka appartamenti u l-kera rikavat mill-istess blokka appartamenti ghandu ikun kkunsidrat qligħ tal-komunjoni. Ir-rikorrenti tikri l-appartamenti u r-rikavat qed ikun miżmum minnha biss"*. Għalhekk jagħlaq billi jisħaq

[4] Fol. 12.

illi jista' jbati minn preġudizzju sproporzjonat f'każ li l-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenuta u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali.

## 2. Prinċipji Legali:

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiż 1 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi waħda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-*

*komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sinteżi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[5] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[6] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[7] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi*

[5] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.
[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

*taghha u din il-Qorti hija konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

### 3. Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiż 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha teżamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawża. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel dan l-eżerċizzju.

Fil-fehma tal-Qorti jidher illi l-konvenuta qiegħda tibbaża l-pretensjoni tagħha abbażi ta' tlett (3) binarji u ċjoe', tissalvagwardja l-proprjeta' immobbli parafernali tagħha stess sabiex ma tiġix soġġetta għall-Artikolu 1320(b) tal-Kodiċi Ċivili, is-suspetti tagħha illi l-attur qed jidħol f'xi dejn jew self mingħand terzi, u l-fatt li kredituri tal-attur qed jipproċedu legalment kontra tagħha. Min-naħa l-oħra, l-ilment ewlieni tal-attur għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti huwa dak li l-partijiet għandhom dejn konsiderevoli b'mod konġunt, liema dejn kien intiż għad-dar matrimonjali tagħhom u l-ieħor sabiex isir negozju minn biċċa art parafernali tal-konvenuta b'dana illi ssir kostruzzjoni u *finishings* ta' numru ta' appartamenti.

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-partijiet, kif ukoll tal-provi mressqa sa dan l-istadju, jirriżulta illi huwa minnu li l-partijiet għandhom dejn konsiderevoli ma' żewġ banek. Jiġi sottolinejat illi d-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti hu taż-żewġ partijiet irrispettivament mill-qligħ li għandhom. Fil-każ odjern id-dejn mehud mill-partijiet b'mod konġunt ilaħħaq iċ-ċifra ta' bejn wieħed u ieħor €352,000 u dan abbażi tas-*sanction letters* eżebiti mir-rappreżentanti tal-APS Bank u Lombard Bank.[8] Mill-istess *sanction letters* jidher illi dawn il-*loans* ittiehdu għal *"home refurbishment and to close off present loans"* kif ukoll *"for construction works and furnishings apartments at 9 Sir Luigi Camilleri Strett Sliema"*, b'pagamenti mensili ta' eluf fix-xahar. Il-Qorti tara illi parti sostanzjali mid-dejn li l-partijiet għandhom b'mod partikolari mal-Lombard Bank huwa għal *business* ta' kostruzzjoni u *finishings* ta' numru ta' appartamenti fuq art parafernali tal-konvenuta. Il-Qorti tara illi mis-*sanction letters* joħroġ illi tali binja hija komposta minn *"4 two bedroom apartments, 1 duplex penthouse and 3 one-car garages"*,[9] madanakollu ma hemm l-ebda prova illi tali qegħdin jinkrew skont kif qed jiġi allegat mill-attur. Pero' fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti ma tarax għaliex ma għandhiex temmen lil attur illi dawn qegħdin jiġu mikrija lil terzi bi dħul konsiderevoli - altrimenti ma hemmx skop għaliex sar tali proġett.

[8] Fol. 690, 707, 906, 909, 912, 916, 917.
[9] *Vide* fol. 917.

Għalhekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tara illi jekk ser tieqaf il-komunjoni tal-akkwisti, il-qliegħ li tagħmel kull parti kemm iddum il-kawża, ikun tal-parti li tagħmlu u mhux tal-konjuġi flimkien, filwaqt li d-dejn jibqa' attribwit lit-tnejn li huma. Il-Qorti tara ukoll illi ġialadarba kemm id-dar matrimonjali kif ukoll l-arja fejn inbniet din il-blokka ta' appartamenti ġewwa tas-Sliema, huma parafernali tal-konvenuta, il-kontroll jaf ma jinsabx b'mod ugwali f'idejn il-partijiet, u b'hekk l-attur jaf ma għandux kontroll fuq id-dħul iġġenerat. Barra minn hekk, minn dak li fehmet il-Qorti, jidher li hemm disparita' bejn il-qliegħ iġġenerat mill-partijiet. Għalhekk il-Qorti hija moralment konvinta illi t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti f'dan l-istadju jaf iwassal lill-attur sabiex ibati minn preġudizzju sproporzjonat fejn ikollu jibqa' jħallas għal dejn li ffirma għalih mal-konvenuta filwaqt li ma jgawdix mill-frott tal-istess investiment.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tara illi l-preġudizzju sproporzjonat ivvantat mill-konvenuta fir-rikors tagħha huwa wieħed mhux konkrett. Dak li hu parfaernali tagħha, xorta ser jibqa' parafernali u dan nonostante jekk il-komunjoni tal-akkwisti tiġix xolta f'dan l-istadju *o meno*. Fl-istess ħin, ma ġiex spjegat u wisq anqas ippruvat illi l-attur qiegħed jissellef u jiddejjen minn terzi persuni sabiex jgħix *beyond his means* u lanqas li qed iġiegħel lill-kredituri sabiex jipproċedu legalment kontra l-konvenuta, u fil-verita' il-Qorti m' għandhiex l-obbligu li toqgħod tispekula dwar dan.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tara illi għalhekk l-oġġezzjoni tal-attur hija valida u l-preġudizzju vvantat minnu huwa wieħed li jippreġudika l-pożizzjoni tiegħu.

**DEĊIDE:**

GĦALDAQSTANT u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-intimat Mark Psaila u tgħaddi sabiex tiċħad it-talba kif dedotta mir-rikorrenti Sarah Psaila Sant Fournier.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.